MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1212/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Joseph Mangion ID 263164M**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett mija w erbghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm340.98c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 2180 8103.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali datata 7 ta’ Marzu, 2005 u mghaxijiet mid-data ta’ l-istess Ittra Ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut Joseph Mangion, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema’ lil Dr Keith Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija w erbghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm340.98c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------